MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 358/2014/2

**Maria Gialanze' u zewgha Joseph Gialanze ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mark Gialanze u Erica Gialanze sabiex ikomplu l-kawza minflok Joseph Gialanze li miet fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Paul Abela, Josephine sive Josette Abela u Marcon Abela.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat fit-3 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu huma talbu li s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2012 u li minnha gie intavolat appell mill-konvenuti, tigi dikjarata provizorjament esegwibbli a tenur tal-Artikolu 266 (7) tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Dan l-artikolu jghid illi *"l-Qorti ghandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provizzorjament jekk tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktar jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob id-dikjarazzjoni skond is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.".*

L-appellanti naturalment qed topponi ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghha huwa li l-appell taghhom mhuwiex vessatorju u jekk tigi esegwita minn issa s-sentenza dan jirreka pregudizzju akbar lill-Marcon Abela illi rranga l-fond u stabilixxa lilu innifsu u lill-familja tieghu hemmhekk.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma semplici; l-atturi ipproponew l-azzjoni rivendikatorja kontra l-konvenuti u talbu l-isgumbrament taghhom u r-ripristinar tal-fond ghal istat li kien qabel.  Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba attrici u ordnat l-isgumbrament fi zmien xahrejn.

L-atturi  rikorrenti jikkontendu  illi huma qed isofru pregudizzju bid-dewmien li huwa necessarju sakemm jigi appuntat u deciz l-appell u allura qed jitolbu appuntu l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata, u jsemmu fost affarijiet ohra l-eta` avvanzata tal-attrici Maria Gialanze'.  Ir-rikors taghhom jindika wkoll li l-konvenuti appellanti ma ghandhomx risposta valida ghat-talbiet taghhom fil-mertu u li l-appell sar semplicement biex jiggwadanjaw iz-zmien.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijet **Yolanda Formosa v. Maggur Frank Formosa**, deciza fl-10 ta' Gunju 1964 qalet illi *"il-Qorti ma ghandha quddiemha ebda presunzjoni li s-sentenzi bhala regola ma jistghux jigu esegwiti jew xi desideratum f'dan is-sens, ghaliex sentenza tal-ewwel grad, ghalkemm mhix gudikat hija dejjem konkluzjoni tal-Qorti fuq il-kaz u tiswa aktar minn semplici argument.  Kieku ma kienx hekk ma  kinitx tinkiteb id-disposizzjoni inkwistjoni.  Il-ligi … tghid biss li s-sentenzi li ma ghaddewx in gudikat  mhumiex minnhom infushom esegwibbli u jirrikjedu dikjarazzjoni specjali biex ikunu esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar*

*pregudizzju jekk is-sentenza ma tigix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti ghal wahda finali salv li fl-ewwel kaz l-esegwibilita` tkun provizorja u fit-tieni kaz tkun definttiva.”.*

Din  il-Qorti ma thossx li f’din is-sitwazzjoni hemm il-kundizzjonijiet li jwassluha biex tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u l-argumenti kollha (eccetto dak tal-eta` tal-attrici Maria Gialanze’) jirreferu kollha ghall-mertu tal-istess kawza.  Kull pronunzjament tal-Qorti fir-rigward allura, jkun ghal kollox prematur  u intempestiv u ghandu jithalla ghas-sentenza finali.  Il-Qorti ma tarax lanqas li jkun hemm pregudizzju akbar lill-appellati jekk is-sentenza ma tigix esegwita issa u l-eta` avvanzata tal-attrici hija incidentali ghall-kawza u ma tistax tittiehed ghall-inqas f’dan il-kaz, bhala bazi biex tintlaqa’ t-talba skont id-disposizzjoni fuq imsemmija.  Oltre dan, l-appellati jista’ jkollhom rimedji ohra biex jigu kumpensati mod iehor jekk is-sentenza appellata tigi kkonfermata u jekk ikunu jridu jutilizzaw dawk ir-rimedji.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad t-talba tal-appellati fuq imsemmija.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------